# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 843

KAZ NRU. 1094

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Lilian Farrugia

u

Anchor Bay Leisures Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 13 ta' Gunju, 1997

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Din il-kwistjoni giet riferita mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 23 ta' Jannar, 1997 b'riferenza MHS/TI/7/96 skond il-provvediment ta' l-Artikolu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal ihoss li ghandu jaghmel distinzjoni bejn x'kien l-incident u kif zvolga ruhu.

Bhala incident kien wiehed banali u cioe' jekk hobza kellhiex il-kappar, zebbug u/jew ingredjenti ohra li jiggustifikaw il-prezz ta' 45 centezmu. Il-mod kif zvolga, pero' ma kienx banali ghaliex zvolga f'post pubbliku, quddiem klijenti, b'tisbit tal-hobza ma' l-art u bi kliem hazin.

L-appellanti sostniet li l-ligi ta' Relazzjonijiet Industrijali tahseb ghat-tkeccija ghar-ragunijiet serji u

gravi. Dan it-Tribunal jaqbel ma' din l-interpretazzjoni u difatti dejjem sostna li tkeccija ghandha tkun l-ahhar pass wara li l-impjegat jigi mwissi u mghallem x'inhuma d-doveri tieghu biex l-azjenda timxi l-quddiem. Minn naha l-ohra t-Tribunal ukoll dejjem sostna li l-impjegat ghandu jiehu hsieb l-azjenda li taghti xoghol kemm lilu kif ukoll lil shabu - fattur importanti ghaliex l-impjieg taghhom ma ghandux jigi pperikolat bl-agir ta' persuna wahda. Jinghad ukoll li l-Ligi wkoll tipprovdi ghal tkeccija sommarja.

Il-fatti, fi ftit kliem, kienu li l-appellanti talbet lill-kollega taghha tixtrilha hobza. Meta rcevieta, jidher li rrabjat ghax ma kienitx *"value for money."* Din ir-rabja tirrizulta mix-xhieda ta' kollega taghha, li qabel l-incident ndunat li seta' jigri dak li fil-fatt gara u qaltilha "Ghoqod attenta ghax ghall-kappara titlef il-post". L-appellanti marret fil-Bar, sabet lill-Bar & Catering Manager, sabbtitlu l-hobza u kellmitu hazin.

Irrizulta mix-xhieda :-

Corinne Galea qaltilha tghajjatx u jekk hemm xi haga nieqsa, nirrangaw. Ghalkemm dan sostnietu fil-kontro-ezami, x-xhud Camenzuli, li kienet vicin, qalet li dan id-diskors ma semghatux.

L-appellanti qalet li wara li sabtet il-hobza l-Bar Manager qalilha "Kieku kont ragel kont ngielek tigbora b'halqek". Din it-theddida ma ssemmiet minn ebda xhud, lanqas minn Camenzuli, xhud ta' l-appellanti u daqsxejn ostili lejn il-Bar Manager ghax telqet l-impjieg mhabba fih. Mhux talli ma ssemmietx, imma ghalkemm l-appellanti dejjem kienet prezenti ghax-xhieda, ma saret ebda domanda fuqha fil-kontro-ezami ta' kull xhud - kontro-ezami dejjem incisiv - u dana jitfa' dubbju fuq il-kredibilita' taghha.

Punt iehor simili huwa li waqt li x-xhieda kollha qalu li l-hobza ntefghet fid-direzzjoni tal-Manager, tant li hu u Galea ntlaqtu hafif bil-*"fittings"* tal-hobza u dana sar meta Camenzuli kienet hdejn il-magna tal-gelat, l-appellanti qalet li l-hobza tefghata fid-direzzjoni opposta ta' Galea u Grima lejn il-magna tal-gelat. Camenzuli lanqas din ma qalet ghalkemm kienet hdejn il-magna u ghalhekk lanqas dan il-punt ma hu attendibbli.

L-appellanti issottomettiet li fil-hin ta' l-incident ma kienitx impjegata imma klijenta. Dan hu punt dibattibbli hafna ghaliex waqt li hu veru li l-post tax-xoghol taghha kien is-Souvenir Shop hi kienet fil-Bar - post pubbliku - pero' hi kienet libsa l-uniformi ta' l-impjegati u hallset il-prezz ridott ta' impjegata u mhux ta' klijenta. Dan il-punt pero' mhux fattur li jinfluwenza d-decizjoni.

Lanqas ma hu fattur simili l-allegata arroganza ta' Grima li kien qal "jew titkecca hi jew nitlaq jien" ghaliex dak id-diskors ntqal fis-sahna tad-demm u ma ntqal qatt lis-sur Bellizzi li kien l-uniku bniedem bil-poter li jkecci.

L-istess haga jinghad ghal kwalita' tal-hobza. L-ewwel nett, ilment kellu jsir fil-hin tax-xirja, u wiehed ukoll jista' jghid li l-kappar u/jew iz-zebbug waqghu fl-art waqt li dik li xtrathom kienet sejra lura lejn is-Souvenir Shop bil-hobza f'idejha; lanqas ma jidher li kien hemm xi difett serju ghaliex it-tnejn l-ohra kielu bla tgergir.

Jidher ukoll li kien hemm xi *"bad blood"* bejn l-appellanti u Grima ghalkemm dan gie michud, ghax kieku ma kienitx tghid *"issa kuntent li keccejtni"*. Dan il-kliem jimplika li kien hemm xi haga qabel.
Wara li ha dawn il-fatti in konsiderazzjoni, t-Tribunal ihoss li l-incident ma kienx kaz ta' *warnings* imma ta' tkeccija sommarja ghaliex l-imgieba ta' l-appellanti, f'post pubbliku,

bi klijenti prezenti, xejn ma kien jaghti *image* tajba lill-post - post li jiddependi ghall-futur tieghu u ghall-impjieg tan-nies l-ohra - fuq l-atmosfera ta' ferh li wiehed jistenna meta jmur jiekol barra - aktar u aktar meta dak il-post ghandu attrazzjoni ewlenija ghat-tfal.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija kienet gusta.

Ghal fini tat-tassazzjoni, qed jigi ntaxxat d-dritt ta' Lm40 (Erbghin Lira Maltin) ghal kull difensur tal-partijiet u dana skond A.L. 48.

B'hekk  tintemm din it-Tilwima.

---------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

------------------
**Joyce Agius**
**A/Segretarja**

mrg